MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2005

Avviz Numru. 33/2004

**Alfred u Anne konjugi Saliba**
**rispettivament ID 9853M u ID 187751M**

**vs**

**Nicholas Spiteri**

**Il-Qorti,**

Rat l-avvizipprezentat mill-atturi fil-21 ta' Jannar, 2004 fejn talbu lil din il-Qorti ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' tlett elef, u tnax-il lira Maltin u tmienja u ghoxrin centezmu (Lm3,012.28), in linea ta' danni in segwitu ghall-incident stradali li sehh fil-Gzira fid-19 ta' Gunju, 2003 bejn il-vettura Ibiza bin-numru NIX 101 misjuqa mill-konvenut u l-vettura VW bin-numru GAT 383 ta' l-atturi, previa dikjarazzjoni li l-konvenut kien responsabbli ghall-habta.

Bl-ispejjez, komprizi Lm11.80 ta' ittra u dawk ta' l-ittra ufficjali tal-21 ta' jannar, 2004 ai termini tal-Kap. 104 u bl-imghax minn notifika ta' l-Avviz, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt billi l-incident tat-traffiku li gara fil-Gzira fid-19 ta' Gunju, 2003 ma garax tort u htija ta' l-eccipjenti, izda gara unikament tort ta' l-attur Nicholas Saliba, is-sewwieq tal-vettura GAT 383, u dana billi huwa naqas milli jieqaf fuq STOP sign meta kien hiereg minn Garden Street, kif kien obbligat li jaghmel, u wkoll billi naqas milli jhares sewwa qabel ma pproceda 'il-quddiem ghal go Triq Testaferrata, u dana kif sejjer jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.
2. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, l-eccipjenti jirrileva l-ammont mitlub in linea ta' danni mill-atturi huwa ghal kollox esagerat.
3. Salve eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tirrigwarda ncident tat-traffiku illi gara f'Testaferrata Street, Imsida fid-19 ta' Gunju, 2003 bejn il-karozza Ibiza bin-numru tar-registrazzjoni NIX 101 misjuqa mill-konvenut u VW bin-numru tar-registrazzjoni GAT 383 misjuqa mill-attur.

Irrizulta mill-provi li l-konvenut kien nizel fid-direzzjoni tal-Gzira, u meta wasal fil-kantuniera fejn hemm il-Berk's *showroom*, harget karozza ghal arrieda minn fuq ix-xellug tieghu u biex jevita din il-karozza gibed lejn il-lemin u mar *wrong side*. Qabel ma kellu l-opportunita jerga jmur lejn ix-xellug, harget karozza bin-numru tar-registrazzjoni GAT 383 minn Garden Street, daret lejn ix-xellug biex titla' Triq Testaferrata, u sabet lill attur ma wiccha u sar l-incident.

Minn naha l-ohra, l-attur qal li kien qed isuq go Garden Street, wasal fit-tarf u waqaf, rid idur lejn ix-xellug ghal go Triq Testaferrata. Meta ra li t-triq kienet libera, pproceda, izda ezatt kif dar sab 'il vettura tal-konvenut go fih. Ma kellux cans jaghmel reazzjoni ta' xejn. Il-karozzi kienu vicin wisq ta' xulxin u sar l-incident.

Dawn il-verzjonijiet huma kkorroborati mis-surgent li nvestiga l-kaz, PS 153 Anthony Gerada. Saret ukoll il-prova tad-danni fl-ammont ta' tlett elef, u tnax-il lira Maltin u tmienja u ghoxrin centezmu (Lm3,012.28) kif reklamat fl-Avviz.

Ikkunsidrat:

Illi fl-isfond ta' dawn ir-rizultanzi processwali l-Qorti ssib illi ghandha x'ticcensura fis-sewqan tal-konvenut. Veru illi l-attur hareg minn wara *stop sign*, pero' dan ha l-mizuri kollha necessarji sabiex jassigura illi jista' johrog minghajr periklu ghal hadd. Fil-fatt fin-naha ta' fuq, fej kellu jdur, ma kienux gejjin vetturi. L-incident gara hekk kif il-konvenut mar *wrong side* sabiex jevita karozza hierga minn kantuniera fuq ix-xellug tieghu.

Il-Qorti nnutat li Triq Testaferrata, fejn gara l-incident hija triq wiesa hafna u staqsiet lill-konvenut il-ghaliex hass il-bzonn li jmur *wrong side* meta kien hemm dik il-wisa' kollha. Il-konvenut wiegeb biss illi ghamel hekk ghax hekk dehrlu. Il-Qorti ma jidhirlhiex illi din hija twegiba illi tiggustifika l-agir tal-konvenut. Jekk veru kellu xi emergenza, ma jmissux rreagixxa b'dak il-mod u mar *wrong side* biex pogga l-vettura tieghu f'periklu ghal min ikun hiereg minn Garden Street. Bir-ragun, l-attur ma kienx f'posizzjoni li jippretendi l-manuvra li ghamel il-konvenut, liema manuvra kienet wahda perikoluza ferm u poggiet vettura f'*head-on collision* kif fil-fatt gara.

Ghalhekk, il-Qorti jidhrilha li l-kawza prossima ta' dan l-incident kien l-agir tal-konvenut meta esagera fil-manuvra evasiva tieghu, jekk dik kienet ir-raguni, u mar *wrong side*

biex pogga l-vettura tieghu f'periklu ghal min kien hiereg minn Garden Street.

Ghal dawn il-motivi:

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba ta' l-atturi u filwaqt li tiddikjara li l-konvenut kien unikament responsabbli ghal dan l-incident sehh fil-Gzira fid-19 ta' Gunju, 2003 bejn il-vettura Ibiza bin-numru NIX 101 misjuqa mill-istess konvenut u l-vettura VW bin-numru GAT 383 ta' l-atturi u misjuqa minn Nicholas Saliba u dan minhabba traskuragni u nuqqas ta' osservanza ta' regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut, tillikwidana danni fl-ammont ta' tlett elef, u tnax-il lira Maltin u tmienja u ghoxrin centezmu (Lm3,012.28) u konsegwentement tikkundanna lill-konvenut li jhallas l-ammont hekk likwidat lill-atturi.

Bl-ispejjez u l-interessi legali minn notifika ta' l-Avviz ghas-smiegh kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------